**6 ta’ Ġunju**

**Tifkira ta’**

S. NORBERTU, ISQOF

Twieled f’Santen għall-ħabta ta’ l-1080; għalkemm kanoniku tal-Knisja lokali, għex ħajja tad-dinja; iżda mbagħad nidem; fl-1115 kien ordnat saċerdot, u ta’ ruħu għall-appostolat u l-predikazzjoni, l-aktar fi Franza u l-Ġermanja. Għaqqad oħrajn miegħu, waqqaf l-Ordni tal-Premonstrati u fetaħ xi monasteri. Fl-1126 sar arċisqof ta’ Magdeburg, u ħabrek għat-tiġdid tal-ħajja nisranija u t-tixrid tal-fidi fost il-pagani tal-qrib. Miet fl-1134.

Mill-Komun tar-rgħajja ta’ l-erwieħ...

Talba

O Alla, int għażilt lill-isqof San Norbertu biex jamministra b’mod tal-għaġeb il-Knisja tiegħek, u żejjintu bl-ispirtu tat-talb u b’ħeġġa kbira bħala ragħaj spiritwali; agħmel li, bil-għajnuna tat-talb tiegħu, il-merħla tal-fidili jkollha rgħajja skont qalbek u ssib dejjem mergħa tajba tas-salvazzjoni. B’Ibnek.